By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 24th February, 2026, Application number 171/2026, by Ann Jenkins et, whereby following the application Lorenza Jenkins, widow of Colin Graham Jenkins, daughter of Lorenzo Scicluna and Dolores née Sapiano and residing at Golden Care Home, Naxxar, Malta, and holding identity card number 789338M, was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 21st July, 2026.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 30th July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1970

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fid-19 ta' Novembru, 2025, Rikors numru 1095/2025 minn Martin Muscat et, fejn insegwitu tar-rikors Maria Stella Muscat née Buttigieg, imwielda Tas-Sliema, Malta, fis-6 ta' Ottubru, 1933, ta' 92 sena, residenti n-Naxxar, Malta, u tinsab rikoverata fid-djar tal-anzjani bl-isem Golden Care, in-Naxxar, Malta, u li għandha karta tal-identità bin-numru 691733M, giet inabilitata permezz ta' digriet tas-7 ta' Lulju, 2026, bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 30 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 19th November, 2025, Application number 1095/2025 by Martin Muscat et, whereby following the application Maria Stella Muscat née Buttigieg, born in Tas-Sliema, Malta, on the 6th October, 1933, aged 92, residing in Naxxar, and is under care at the home for the elderly at Golden Care, Naxxar, Malta, and holding identity card number 691733M, was incapacitated by means of a decree given on the 7th July, 2026, under the conditions therein mentioned.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 30th July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1971

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' Ġunju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 358/2026FDP, fl-ismijiet: Alexia Mejlak noe vs Riccardo Baldoni, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Alexia Mejlak (KI 0558084M) vs Riccardo Baldoni (KI 0137120A) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' April, 2026, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-proprjetà tar-rikorrenti qiegħda ssofri danni riżultat tal-perkolazzjoni tal-ilma li ġejja minn ġewwa l-proprjetà tal-intimat;

2. Tiddikjara li l-aġir tal-intimat kif fuq spjegat qiegħed jikkawża danni inġenti lir-rikorrenti;

3. Tordna u tikkundanna lill-intimat, okkorrendo taħt superviżjoni ta' periti nominandi, sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, jagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha neċessarji sabiex il-perkolazzjoni tal-ilma minn ġewwa l-proprjetà tiegħu tieqaf, u dan spejjeż għall-istess intimat;

4. Tawtorizza lir-rikorrenti jesegwixxu huma stess ix-xogħlijiet kollha meħtieġa u opportuni kif ordnati fil-konfront tat-tielet talba, u dan a spejjeż tal-intimat fil-każ li t-terminu mogħti lill-intimat għal dan il-għan jgħaddi inutilment;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 26th June, 2026, in the records of the Sworn application number 358/2026FDP, in the names: Alexia Mejlak noe vs Riccardo Baldoni, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Alexia Mejlak (ID 0558084M) vs Riccardo Baldoni (ID 0137120A) filed in the Civil Court First Hall on the 13th April, 2026, the applicants asked this Honourable Court to:

1. Declare that the property of the applicant is suffering damages as a result of the percolation of water coming from within the property of the respondent;

2. Declare that the behaviour of the respondent as above explained is causing undue damages to the applicant;

3. Order and condemn the respondent, occorrendo under the supervision of referees, so that within a short and peremptory period that shall be fixed to him, he carries out all the necessary works so that the percolation of water from within his property stop, and this expenses to the same respondent;

4. Authorise the applicants themselves to carry out all the necessary and opportune works as ordered against the third demand, and this at the expense of the respondent in case the time given to the respondent for this purpose passes uselessly;

5. Tiddikjara li l-proprjetà tar-rikorrenti sofriet u qiegħda ssofri danni inġenti minħabba l-aġir tal-intimat;

6. Tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex jagħmel tajjeb u jħallas għall-ħsarat sofferti hekk kif illikwidati li qegħdin isofru r-rikorrenti fil-proprjetà tagħhom, kif ukoll għad-danni likwidati minnhom sofferti minħabba l-fatt illi l-proprjetà ġiet reża mhux abitabbli, inklużi kwalunkwe danni inġenti.

B'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż u b'kull imgħax li jista' jirriżulta dovut sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimat, li minn issa qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 358/2026FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-13 ta' Ottubru, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika: Riccardo Baldoni: Flat 6, 90, Triq Arturo Mercieca, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

5. Declare that the applicant's property suffered and is suffering huge damages due to the behaviour of the respondent;

6. Order and condemn the respondent to make good and pay for the damages suffered as liquidated which the applicants are suffering in their property, as well as for the damages liquidated by them suffered due to the fact that the property was rendered inhabitable, including any bad damages.

Saving any other action due to the applicant.

With costs and any interest that may result due till the date of effective payment against the respondent, who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 358/2026FDP in the names mentioned above is postponed for hearing to the 13th October, 2026, fid-9.30a.m.

Notify: Riccardo Baldoni, Flat 6, 90, Triq Arturo Mercieca, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 30th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1972

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-4 ta' Ġunju 2026 fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1006/2025JPG, fl-ismijiet: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Real Hotel Co. Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12 biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimata.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Real Hotel Co. Ltd (C77967) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' Settembru, 2025, l-esponent talab lil din l-Onorabbli sabiex tordna n-notifika ta' dan ir-rikors u tad-dokumenti annessi lis-soċjetà intimata skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1006/2025JPG fl-ismijiet imsemmija hawn fuq differit għat-12 ta' Ottubru, 2026, fil-11.00 a.m.

Notifika: Real Hotel Co. Ltd, Il-Piazetta A, Suite 62, Triq it-Torri, Tas-Sliema

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 4th June 2026 in the records of the Sworn application number 1006/2025JPG, in the names: Commissioner for Revenue and Customs vs Real Hotel Co. Ltd, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12 for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Commissioner for Revenue and Customs vs real Hotel Co. Ltd (C77967) filed in the Civil Court, First Hall, on the 29th September, 2025, the applicant asked this Honourable Court to order the service of this application and of the annexed documents to the respondent company according to the relevant provisions of the Cap.12 of the Laws of Malta.

The Sworn application number 1006/2025JPG in the names mentioned above has been postponed to the 12th October, 2026, fil-11.00 a.m.

Notification: Real Hotel Co. Ltd, Piazetta A, Suite 62, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Reġistri tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 30th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1973

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Marzu, 2025, mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5388/2023, fl-ismijiet Mario Bugeja vs Marie Louise Darmanin, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Marie Louise Darmanin a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

By means of a decree of the 13th March, 2025, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 5388/2023, in the names Mario Bugeja vs Marie Louise Darmanin, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Marie Louise Darmanin in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 15 ta' Diċembru, 2023

In the First Hall Civil Court

Today 15th December, 2023

Lil Marie Louise Darmanin ta' No. 5, Dempsey Court, Sans Souci Mansions, Triq Carmelo Ritchie, Ix-Xgħajra.

To Marie Louise Darmanin of No. 5, Dempsey Court, Sans Souci Mansions, Triq Carmelo Ritchie, Xgħajra.

Permezz tal-preżenti l-mittenti Mario Bugeja (KI 253558M) ta' 71, Dar Lorenza, Triq San Girgor, Iż-Żejtun, filwaqt li jġib a formali konjizzjoni tiegħek il-fatt li inti eżerċitajt appoġġ fir-rigaward ta' ħitan indikati fir-rapport u kont hawn annessi billi żviluppajt l-arja sovrastanti l-istess u kwindi serraħt il-bini tiegħek fuq l-istess ħitan kif hemmhekk dettaljat.

By means of this present the interpellant Mario Bugeja (ID 253558M) of 71, Dar Lorenza, Triq San Girgor, Żejtun, whilst bringing to your formal notice the fact that you used the walls indicated in the report and bill here attached by developing the airspace overlying the same and placing your development on the said walls as therein detailed.

Illi kif għandek tkun taf tajjeb, skont il-kuntratt ta' akkwist tiegħek il-mittenti kien irriżerva favur tiegħu kull dritt għall-ħlas tal-appoġġ, lil hinn minn dak eżistenti fid-data tal-bejgħ tal-proprjetà tiegħek;

That as you should know well, according to your contract of acquisition the interpellant reserved in his favour any right to the payment of such use, beyond that existing on the date of sale of your property;

Illi ġjaladarba int għamilt użu ulterjuri tal-ħajt diviżorju billi serraħt il-piż tal-izvilupp il-ġdid fuq l-istess inti tenuta tħallas lill-mittent kumpens li ġie kalkolat u likwidat mill-perit tekniku tal-istess mittenti fis-somma ta' €42,411.31.

That once you made further use of the dividing wall by constructing the new development on the same you are expected to pay the interpellant compensation which was calculated and liquidated by the technical referee of the same interpellant in the sum of €42,411.31.

Għaldaqstant, permezz ta' din l-ittra uffiċjali l-mittent qed jinterpellak sabiex tħallas is-somma msemmija ta' €42,411.31 rappreżentanti il-valur tal-appoġġ ulterjuri eżerċitat minnek u dan sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' din l-ittra.

Thus, by means of this judicial letter the interpellant is calling upon you to pay the said sum of €42,411.31 representing the value of the further support exercised by you and this by not later than one week from the date of this judicial letter.

Fin-nuqqas il-mittenti ma jkollux għażla ħlief li jipproċedi ulterjorment kontrik bi spejjeż li jiġu sopportati interament minnek u bi mgħaxijiet fuq is-somma mitluba sad-data tal-ħlas effettiv, dan mingħajr il-ħtieġa ta' ebda preavviż ulterjuri.

In default the interpellant will have no choice but to proceed further against you with costs which will be borne entirely by you and with interests on the sum demanded till the date of effective payment, this without the need for any further prior notice.

Għaldaqstant, huwa fl-aħjar interess tiegħek illi timxi ma' dak hawn mitlub entro t-terminu mogħti

Thus, it is in your best interest to abide with the demand herein within the time given

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek aħjar

So much for your own guidance

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivli u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 31st July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar of the Civil Courts and Tribunals.

1974

Permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Lulju, 2026, mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 273/2026, fl-ismijiet Denise Camilleri vs Dennis Scicluna, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Dennis Scicluna a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 21 ta' Jannar, 2026

Li Dennis Scicluna (K.I 0094493M), 72, Rosewall Court, Flat 6, Triq il-Karmelitani, Santa Venera

Bil-preżenti ittra uffiċjali, Denise Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identità numerata 523978M u residenti fi 22, Hospital Street, Ir-Rabat, filwaqt li tirreferik għax-xogħlijiet li kellhom isiru fuq il-fond proprjetà tal-mittenti bl-indirizz ta' 7, Triq San Bastjan, Ir-Rabat, Malta, koperti bil-permessi bir-referenzi PA/02767/24 u PA/6861/22, qiegħda tinterpellak għar-rifużjoni immedjata tas-somma ta' disgħa u ħamsin elf ewro (€59,000) imħallsin lilek (vide Dok. A) għal xogħlijiet li ma sarux u/jew ma sarux skont is-sengħa u l-arti u li anzi kkaġunaw ħsarat u danni serji fil-proprjetà tal-mittenti, liema ħsarat u danni sal-lum il ġurnata jammontaw (mhux limitament) għas-somma ta' mija u tnejn u sebgħin elf, erba' mija u sebgħa u għoxrin ewro (€172,427) u ġew kaġunati interament frott in-negliġenza, imperizja, nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti daparti tiegħek u/jew unikament tort tiegħek.

Illi oltre r-rifużjoni tas-somma sofferita, il-mittenti qiegħda tinterpellak sabiex tgħaddi għar-riparazzjoni tal-ħsarat kollha kaġunati fuq il-proprjetà tagħha u għall-provvista tal-materjal kollu meħtieġ sabiex isiru dawn l-istess riparazzjonijiet. Fin-nuqqas, il-mittenti se żżommok responsabbli għall-istess danni u ħsarat kemm dawk preżenti iżda wkoll dawk li jistgħu jirriżultaw fil-futur;

Illi fin-nuqqas illi inti tersaq għall-ħlas tas-somma fuq indikata u għar-riparazzjonijiet meħtieġa, fi żmien ġimagħtejn mid-data ta' din l-ittra uffiċjali, il-mittenti ma hu se jifdlilha ebda rimedju ieħor għajr li tipproċedi kontrik bir-rimedji kollha disponibbli lilha skont il-liġi, inkluż iżda mhux limitat tramite mandat ta' sekwestru u l-kawża appożita.

Għalhekk, qiegħed tiġi solennement avżat li fl-eventwalità li tibqa' inadempjenti, il-mittenti se tieħu passi

By means of a decree of the 1st July, 2026, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 273/2026, in the names Denise Camilleri vs Dennis Scicluna, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Dennis Scicluna in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 21st January, 2026

To Dennis Scicluna (ID 0094493M), 72, Rosewall Court, Flat 6, Triq il-Karmelitani, Santa Venera

By the present judicial letter, Denise Camilleri, holder of identity card number 523978M and residing at 22, Hospital Street, Rabat, whilst referring you to the works that had to be carried out on the premises owned by the interpellant at the address of 7, Triq San Bastjan, Rabat, Malta, covered by permits bearing reference numbers PA/02767/24 and PA/6861/22, is soliciting you for the immediate refund of the sum of fifty nine thousand euro (€59,000) paid to you (vide Doc. A) for works which were not carried out and/or were not carried out according to the trade and art and which in fact caused serious damages to the property of the interpellant, which to date amount (not limitedly) to the sum of one hundred and seventy two thousand, four hundred and twenty seven Euro (€172,427) and were caused entirely as a result of negligence, lack of skill, non-compliance on your part and/or solely on your part.

That besides the refund of the sum suffered, the interpellant is calling upon you to repair all the damages caused on her property and for the supply of all the material necessary to carry out these repairs. In default, the interpellant will hold you responsible for the same damages both those present but also those which may result in the future;

Should you fail to pay the sum above indicated and for the necessary repairs, within two weeks from the date of this judicial letter, the interpellant will not have any other remedy available but to proceed against you with all the remedies available to her according to law, including but not limited by means of a garnishee order and the appropriate case.

Therefore, you are solemnly advised that in the event you remain in default, the interpellant will take further

ulterjuri fil-konfront tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor, u dan oltre li fi kwalunkwe każ qiegħda żżommok responsabbli għal kwalunkwe danni jew ħsarat futuri kaġunati akkawża tal-aġir tiegħek.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet sad-data tal-ħlas effettiv

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

action against you without any other prior notice, and this besides that in any case you are holding you responsible for any future damages caused as a result of your actions.

So much for your own guidance

With costs and interests till the date of effective payment

Registry of the Superior Courts, today 31st July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1975

Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1296/2026, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Riccardo Franco Schembri pro et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Riccardo Franco Schembri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 17 ta' Marzu, 2026

Lil Riccardo Franco Schembri (KI 0568282M) f'ismek personali u kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Medistar Healthcare Services Limited (C49998) illum imħassra mir-Reġistratur tal-Kumpaniji, ta' 36, Chez L'Amour, Triq il-Labour, Iż-Żejtun

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €66,563.32 rappreżentanti ammont dovut minnek pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

By means of a decree of the 30th June, 2026, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 1296/2026, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Riccardo Franco Schembri pro et noe, the following publication for the purpose of service on the respondent Riccardo Franco Schembri was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 17th March, 2026

To Riccardo Franco Schembri (ID 0568282M) in his own name and also as director for and on behalf of the company Medistar Healthcare Services Limited (C49998) today struck off from the Registrar of Companies of 36, Chez L'Amour, Triq il-Labour, Żejtun

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Cap. 406 of the Laws of Malta so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €66,563.32 representing amount due by you pro et noe as Value Added Tax.

With costs and interest according to Cap. 406 of the Laws of Malta till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you, by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 31 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 31st July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1976

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-13 ta' Jannar, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3642/2024, fl-ismijiet Antonia Buhagiar vs Paul Caruana, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Paul Caruana a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 24 ta' Ottubru, 2024

Lil Paul Caruana ta' Flat 8, Blacksmith Court, Triq it-Torri, L-Imsida

Permezz tal-preżenti Antonia Buhagiar (KI 1020445M) ta' 138, Triq il-Kullegg, Ir-Rabat, Malta, tagħmel qabel xejn referenza għall-ittra legali tagħha datata l-4 ta' Settembru, 2024, li permezz tagħha hija interpellatek, inter alia sabiex 'tirripristina l-ħajt (proprjetà tagħha) fl-istat ante quo u ċoè li tagħlaq sew, inkluż bil-materjal apposta kontra l-ingress tal-ilma (waterproofing, sealer, eċċ.) dak il-gandott li inti abbużivament ftaħt u li jidher sew fir-ritratt' u kif ukoll sabiex 'issewwi u tqiegħed fl-istat ante quo il-ħsara li kkawżajt fil-faċċata tal-klijenta tiegħi fejn ġie imzellef xi kantun' sat-13 ta' Settembru, 2024, u li fin-nuqqas hija kienet se 'tinkariga hi stess ħaddiem jew ħaddiema għal dan l-iskop u se tfittxek għall-ispejjeż li hija se tkun inkorriet' (Dok. A).

Tinfurmak illi b'konsegwenza tal-inadempjenza totali tiegħek il-mittenti ma kellha ebda triq oħra li tinkariga hi stess il-ħaddiema sabiex, a spejjeż tagħha jirripristinaw il-ħajt proprjetà tagħha sabiex jiġu evitati ħsarat ulterjuri u dan bi spejjeż tagħha u għalhekk:

Tinterpellak sabiex fi żmien sebat (7) ijiem min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali tħallas lill-mittenti s-somma €1330.98 rappreżentanti din is-somma l-ispejjeż inkorsi mill-mittenti għal xogħol ta' kisi, tikħil u żebgħa u kif ukoll id-drittijiet professjonali (legali u peritali inkonnessjoni mal-istess kwistjoni (ara l-anness ircevuti immarkati Dok. B u Dok. E).

Fin-nuqqas li totempera ruħek mas-su espost fiż-żmien prefiss se jittieħdu proċeduri ulterjuri kontra tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant sabiex tkun informat u tirregola ruħek

By means of a decree of the 13th January, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 3642/2024 in the names Antonia Buhagiar vs Paul Caruana the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Paul Caruana in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 24th October, 2024

To Paul Caruana of Flat 8, Blacksmith Court, Triq it-Torri, Msida

By means of the present, Antonia Buhagiar (ID 1020445M) of 138, Triq il-Kulleġġ, Rabat, Malta, firstly refers to her legal letter dated 4th September, 2024, by which it called upon you, inter alia, to 'restore the wall (her property) in the state in which it was and therefore to properly seal, including with the appropriate material against water ingress (waterproofing, sealer, etc.) the gutter which you abusively opened and which appears well in the photo' as well as to 'repair the damage caused when damaging a building stone and to therefore restore the façade of my client in the state in which it was' by the 13 September, 2024, and that in default she would 'engage herself a worker or workers for this purpose and then recover from you the costs she will incur' (Doc. A).

She informs you that as a consequence of your total default the interpellant had no other alternative but to engage herself the workers so that, at her own expense, they restore her property wall in order to avoid further damages and this at her own expense and therefore she:

Solicits you so that within seven (7) days from the service of this judicial letter you pay the interpellant the sum of €1330.98 which sum represents the expenses incurred by the interpellant for plastering, covering and painting work as well as professional fees (legal and referees in connection with the same matter (see attached received marked Doc. B and Doc. E).

If you fail to abide with the above within the stipulated time, further procedures will be taken against you without further notice.

So much for your own guidance

Bl-ispejjeż tal-preżenti

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 31 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs of the present

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 31st July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1977

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Jannar, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 601/2023, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Mario Steven Camilleri, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Mario Steven Camilleri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 .

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 20 ta' Frar, 2023

Lil Mario Steven Camilleri (KI 217200L) ta' Block 3, Flat 2, Nid D'Amour, Triq il-Madonna tar-Rużarju, Ħal Tarxien TXN 1571

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Iġġib a formali konjizzjoni tagħkom il-fatt li fil-ġurnata tas-6 ta' Frar, 2023, inti kont tinsab moruż fil-pagamenti ta' self lilek mogħti fuq Loan facility bin-numru 013-284476-340 fl-ammont ta' €617.88 u għaldaqstant is-soċjetà esponenti tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas din is-somma. Inoltre s-soċjetà esponenti tinfurmak illi din is-somma ta' arretrati tiżdied b'€134.47 fix-xahar wara dik id-data; u

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €104.13 bħala kapital u kwantu għas-somma ta' €0.17, bħala mgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sal-21 ta' Jannar, 2023, bl-ispejjeż amministrattivi, oltre l-imgħax mit-22 ta' Jannar, 2023, sad-data ta' din l-ittra flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv u dana in rifuzjoni ta' flus lilek avvanzati fuq faċilità ta' Visa Card bin-numru 4035710036275977, liema somma inti għalkemm repetutrament interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan.

Tinfurmak li jekk tonqos milli tħallas l-arretrati kollha fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra, il-bilanċ intier tas-self isir kollu dovut f'daqqa oltre mgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

By means of a decree of the 23rd January, 2025, in the records of the judicial letter number 601/2023, in the names HSBC Bank Malta plc vs Mario Steven Camilleri, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Mario Steven Camilleri in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 20th February, 2023

To Mario Steven Camilleri (ID 217200L) of Block 3, Flat 2, Nid D'Amour, Triq il-Madonna tar-Rużarju, Ħal Tarxien TXN 1571

By means of this present, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Brings to your formal notice the fact that on the 6th February, 2023, you were in delay of payment of the loan given to you by means of Loan facility holding number 013-284476-340 in the amount of €617.88 and thus the interpellant company solicits you so that within two days you pay the said amount. The interpellant company informs you also that this sum of arrears increases by €134.47 per month after that date; and

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €104.13 as capital and as for the amount of €0.71 as interest that accrued on the capital till the 21st January, 2023, with administrative costs, besides the interest from the 22nd January, 2023, till the date of this letter together with further legal interest on the capital amount from the date of this letter till the date of effective payment and this as refund on the amount given to you by means of Visa Card facility with number 4035710036275977, which amount although you were solicited to pay, you remained in default.

Informs you that if you fail to pay all the arrears within fifteen days from the day of notification of this letter, the whole loan amount will be due all at once besides legal interest with the rate of 8% per year till the date of effective payment.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, int tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dak il-każ int mitluba illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievi din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad nutar.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mill-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 31 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

To avoid useless court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you need more time to pay by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notarial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a notary.

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourself

With costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 31st July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1978

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 ta' April, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3338/2024, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Yves Marc Guy Taudiere, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Yves Marc Guy Taudiere a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 24 ta' Settembru, 2024

Lil Yves Marc Guy Taudiere (passaport numru 1901L1S50069) ta' Flt 1, Maria Assunta, Triq Walter L. Salomone, Il-Mosta

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €883.45, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat

By means of a decree of the 10th April, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 3338/2024 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Yves Marc Guy Taudiere the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Yves Marc Guy Taudiere in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 24th September, 2024

To Yves Marc Guy Taudiere (passport number 1901L1S550069) of Flt 1, Maria Assunta, Triq Walter L. Salomone, Mosta

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €883.45, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding

mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000214767 ossija dwar il-fond bl-indirizz 5, Green Apple, Triq ir-Rebħa, Il-Gżira.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 31 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

regarding the utility bills with number 411000214767 regarding the premises with address 5, Green Apple, Triq ir-Rebħa, Gżira.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 31st July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1979

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 ta' April, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 303/2025, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Raymond Vella, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Raymond Vella a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 27 ta' Jannar, 2025

Lil Raymond Vella (KI 442364M) ta' Blk 12, Fl. 2, Vjal De La Cruz, Ħal Qormi

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €729.48, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000246813

By means of a decree of the 10th April, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 303/2025 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Raymond Vella the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Raymond Vella in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 27th January, 2025

To Raymond Vella (ID 442364M) of Blk 12, Fl. 2, Vjal De La Cruz, Ħal Qormi

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €729.48, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding regarding the utility bills with number 101000246813

ossija dwar il-fond bl-indirizz 2, Blk X11, Vjal De La Cruz, Ħal Qormi.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 31 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

regarding the premises with address 2, Blk XII, Vjal De La Cruz, Ħal Qormi

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 31st July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1980

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Ġunju, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1503/2026, fl-ismijiet Finance House plc vs Bryant Tejares Hatton, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Bryant Tejares Hatton a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Bryant Tejares Hatton (KI 224093A) ta' El Shaddai Court, Apartment 9, Triq Anġlu Gatt, Il-Mosta, fis-16 ta' April, 2026, Finance House plc (C58869) ta' Agora Business Centre, Level Three, Triq il-Wied tal-Imsida, L-Imsida, tagħmillek referenza għall-kambjali ffirmati u aċċettati minnek numerati minn numru 17 san-numru 30, kopja ta' liema qed jiġu annessi ma' din l-ittra uffiċjali, u peress illi dawn il-kambjali kellhom jitħallsu kull nhar il-5 tax-xahar u ċoè bejn l-5 ta' Marzu, 2025 u l-5 ta' April, 2026, rispettivament, baqgħu ma tħallsux minkejja li għadda t-tali żmien u minkejja li ġejt interpellat kemm-il darba, tinterpellak sabiex entru jumejn (2) min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali tħallas lill-kumpanija mittenti s-somma kumplessiva ta' €3,998.40 rappreżentanti import tal-imsemmija kambjali, liema kambjali ġew minnek iffirmati u baqgħu ma tħallsux.

Il-kumpanija mittenti tavżak illi jekk tonqos milli tottempra ruħek mas-su espost se tipproċedi bl-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

By means of a decree of the 26th June, 2026, in the records of the judicial letter number 1503/2026, in the names Finance House plc vs Bryant Tejares Hatton, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Bryant Tejares Hatton in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Bryant Tejares Hatton (ID 224093A) of El Shaddai Court, Apartment 9, Triq Anġlu Gatt, Mosta, on the 16th April, 2026, Finance House plc (C58869) of Agora Business Centre, Level Three, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida, referred to the bills of exchange signed and accepted by you numbered 17 till 30, a copy of which is being attached with this judicial letter, and noted that these bills of exchange had to be paid every 5th day of the month and that is between the 5th March, 2025 and 5th April, 2026, respectively, and you remained in default although time has passed and although you were solicited several times, so it solicits you so that within two (2) days from the notification of this judicial letter you pay the interpellant company the total amount of €3,998.40 representing the value of the said bills of exchange, which bills of exchange were signed by you and you remained in default.

The interpellant company warns you that if you fail to abide with the above the company will proceed for the execution of the said bills of exchange in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Għall-fini u effetti kollha tal-liġi, kun avżat illi ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandek id-dritt sabiex fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tippreżenta rikors sabiex topponi għall-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali minħabba r-raġuni illi l-firma fuq il-kambjala mhijiex tiegħek jew minħabba raġuni gravi u valida.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-preżenti, kontra tiegħek u bl-imgħaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat sabiex trendi l-imsemmija kambjala eżegwibbli ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 31 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

For all the effects and purposes of law, you are warned that in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right so that within twenty (20) days from the notification of this judicial letter you file an application to oppose the execution of the said bill of exchange on the basis that the signature on the bill of exchange is not yours or for grave and valid reasons.

